MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Numru 1060/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**versus**

**John Camilleri, Lee Cortis, Anthony Azzopardi, Alexander Bonnici, Omissis, u X.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

John Camilleri ta' 24 sena iben Louis u Rita nee' Galea, mwieled Pieta fi-15 ta' Novembru 1981 u residenti 5, Binja Qlejgħa, Mtarfa, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 641281M

U

Lee Cortis ta’ 19-il sena iben Saviour u Maria nee’ Camilleri mwieled Pieta fit-12 ta’ Novembru 1986 u residenti ‘Joanne’ Flat 6 Triq il-Kostituzzjoni Mosta, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 516286M

U

Anthony Azzopardi ta’ 18-il sena iben Paul u Concetta nee’ Vella mwieled Pieta fid-29 ta’ Ottubru 1987 u residenti Flat 6, Binja San David, Mtarfa, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 487487M

U

Alexander Bonnici ta’ 19-il sena iben Carmel u Josephine nee’ Muscat mwieled Pieta fid-9 ta’ April 1987 u residenti fil-fond Plot 44 Triq Sir Philip Pullicino Mtarfa, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 194187M

U

X

**Talli b’diversi atti magħmulin , anke jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:**

**Lil Lee Cortis, John Camilleri u omissis waħedhom talli:**

1. Fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Awissu 2005 f’Buġibba, kkommettew serq ta’ mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 148 għad-dannu ta’ Hadrian John Borg minn San Pawl il-Baħar, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkagunaw ħsara volonarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 148 għad-dannu ta' Hardian John Borg minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teccedi il-LM50;
3. Fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Lulju 2005 u 6 ta' Awissu 2005 fil-Mosta, kkommettew serq ta' mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-ħaġa misruqa;
4. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkagunaw ħsara volonarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema ħsara teccedi il-LM50;
5. U iktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi kkommettew serq ta' pjanci tar-registrazzjoni bin-numru FAU 062 minn fuq mutur tal-marka Yamaha 80 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-ħaġa misruqa;
6. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew għal ħaddiehor, f'xi document maħsub għal xi awtorita' pubblia, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz, billi waħħlu pjanci tar-reġistrazzjoni foloz bin-numru FAU 062 fuq mutur different ital-marka Yamaha 175 bin-numruj tar-reġistrazzjoni oriġinali FAU 148
7. U iktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi document ieħor falsifikat billi waħħlu n-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 fuq mutur differenti tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAU 148

**Lil Lee Cortis, Anthony Azzopardi u Alexander Bonnici waħedhom talli:**

8. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Awissu 2005 f'San Ġiljan kkommettew serq ta' mutur tal-marka Yamaha 175

bin-numru tar-reġistrazzjoni FBP 639 għad-dannu ta' Mark Anthony Taylor minn San Ġiljan, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa;

9. U talli, fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi kkaġunaw ħsara volontarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBP 639 għad-dannu ta' Mark Anthony Taylor minn San Ġiljan, liema ħsara teccedi il-Lm50;

10. U talli mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbsu, neħħew, biddlu jew għamlu numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta' jew fuq vettura bil-mutur u cioe fuq mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBP 639

**Lil Lee Cortis, X u omissis waħedhom talli:**

11. fil-lejl ta' bejn it-30 u 31 ta' Awissu 2005 f'Ħaż-Żebbuġ kkommettew serq ta' mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578 għad-dannu ta' Godwin Zammit minn Ħaż-Żebbug, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa;

12. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkaġunaw ħsara volontarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578 għad-dannu ta' Godwin Zammit minn Ħaż-Żebbuġ, liema ħsara teccedi il-LM50;

13. U talli mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbsu, neħħew, biddlu jew għamlu numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe fuq mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578;

**Lil John Camilleri waħdu talli:**

14. Irrenda ruħu ricediv ai termini ta' l-ARtikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Lil Anthony Azzopardi waħdu talli**

15. Fl-14 ta' Awissu 2005, fir-Rabat, Malta, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha Endura 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAG 216 għad-dannu ta' Carmelo Vella mir-Rabat, liema serq kien aggravat bil-mezz, valur u xorta tal-ħaġa misruqa;

16. U talli; fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, ikkaġuna ħsara volontarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha Enduro 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAG 216 għad-dannu ta' Carmelo Vella mir-Rabat, liema ħsara teccedi l-LM50

17. U talli: fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, saq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha Enduro 80 bil-marka tar-reġistrazzjoni FAG 216, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni

18. U talli: bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu 2005 u fil-jien ta' wara, f'San Ġiljan u f'inħawi oħra f'dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reħistrazzjoni FBP 639, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

Omissis (Paragrafi 19 u 20)

**Lil Lee Cortis waħdu talli:**

21. bejn d-29 u l-31 ta' Awwissu 2005, f'Bugibba, f'Ħaż-Żebbug u f'inħawi ohra f'dawn il-Gzejjer, saq zewg muturi tal-marka Yamaha 175 bin-numri tar-reġistrazzjoni FAU 148 u FAP 578 mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess muturi mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmija muturi, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

**Lil Alexander Bonnici wahdu talli:**

22. bejn it-23 u t-24 ta' Awwissu 2005 u fil-jiem ta' wara, f'San Ġiljan u f'inħawi oħra f'dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBP 639, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

**Lil John Camilleri, Lee Cortis, Anthony Azzopardi, Alexander Bonnici, omissis u X akkuzati talli:**

23. bejn l-14 ta' Awwissu 2005 u s-7 ta' Settembru 2005 f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeg misruqa, meħudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;

24. U talli: malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu li jgħarrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kienu hekk saru jafu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid a fol 5, omissis, 7, 8, 9, 10; il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 17) kif ukoll il-kunsens tal-imputati sabeix dawn il-proċeduri jkunu somamrji; l-istqarrijiet tal-imputati [1] jiġifieri dawk li jinsabu a fol 40 (John Camilleri), 41 (Alex Bonnici), 43 (Anthony Azzopardi), 48 (Lee Cortis), u 51 (X),ir-ritratti esibiti, it-talba li saret mis-Sur Mark Anthony Taylor, wieħed mill-allegati vittmi tas-serq, sabiex dan jieħu l-mutur lura, liema talba ma kenitx opposta minn Dr.Abela u minn Dr Martin Fenech għan-nom tal-imputati li huma qed jippatroċinaw, l-awtroizzazzjoni tal-Qorti sabiex dan il-mutur ikun jista' jittieħed mis-sur Mark Anthony Taylor (fol 96), il-current incident reports a fol 81 et[2], il-verbal tal-4 ta' Frar 2009 (fol 104) li fih kien dikjarat mill-Prosekuzzjoni li:

a) Fir-rigward ta' John Camilleri ħa jibqgħu japplikaw l-imputzzjonijiet 1, 2, 14, 23 u 24 u ħa jkunu rtirati r-reat kontinwat u l-akkużi 3, 4, 5, 6 u 7;

b) Fil-konfront ta' Anthony Azzopardi, il-prosekuzzjoni żżomm ferm l-akkużi kollha;

ċ) Fil-konfront ta' Alexander Bonnici, l-akkużi wkoll ħa jibqgħu japplikaw ħlief l-imputazzjoni tar-reat kontinwat;

d) omissis

e) Fil-konfront ta' X ser tkun irtirata biss l-imputazzjoni dwar ir-reat kontinwat u japplikaw l-imputazzjonijeit l-oħrajan;

f) Fil-konfront ta' Lee Cortis japplikaw l-imputazzjonijiet kollha.

il-verbal tat-18 ta' Mejju 2009 fejn il-Prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-vjolenza kull fejn japplika u dan in vista tal-kontenut ta' kull stqarrija individwali; it-talba għas-

[1] Barra dik li tinsab a fol 37

[2] Fol 91 hija parti mill-istqarrija ta' X li diġa' tidher fl-istqarrija tal-istess imputat ippreżentata aktar qabel.

separazzjoni tal-ġudizzju magħmula mill-Prosekuzzjoni a fol 108;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensuri Dr Robert Abela (għan-nom ta' John Camilleri, Anthony Azzopardi u Alexander Bonnici), u Prokuratur Legali Alexandra Ferrante (għan-nom ta' Lee Cortis u X)

Rat ukoll in-Nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Prokuratur Legali għan-nom ta' Lee Cortis u X nhar it-13 t'Awwissu 2009

Ikkonsidrat

Li fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2009:

(a) John Camilleri ammetta l-ewwel imputazzjoni (mingħajr il-gravanti tal-vjolenza li kien iritirat mill-Prosekuzzjoni); ammetta t-tieni imputazzjoni; L-imputazzjonijiet 3, 4, 5, 6, 7 kienu rtirati; **m'ammettiex l-imputazzjoni numru 14; L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi għall-1 u 2 imputazzjoni;**

(b) Anthony Azzopardi ammetta l-imputazzjoni numru 8 mingħajr il-gravanti tal-vjolenza li kien irtirat; ammetta wkoll l-imputazzjonijiet 9, 10 15 u 16. **M'ammettiex l-imputazzjonijiet 17 u 18**; L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni;

(ċ) Alexander Bonnici ammetta l-imptuazzjonijiet 8, 9 u 10. **M'ammettiex l-imputazzjoni 22;** L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi.

**Dawn it-tliet imputati qed jintrabtu li jagħmlu tajjeb għal kwlaunkwe ħsara ikkaġunata minnhom fil-muturi konċernati;**

(d) Lee Cortis rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijeit 1, 2, 11 u 13; Huwa qed jikkosntesta l-oħrajn cioe' 3, 4, 5,

6, 7 u 12 u ser jibqgħu fuq l-istqarrija għaleix fl-istqarrija huwa qal il-verita’ dwar dak li m’għamilx;

(e) X irreġistra ammissjoni fuq l-imputazzjoni numru 11 biss għax fl-istqarrija ammetta li kien ivolut. Huwa ma kienx involut fl-imputazzjonijiet 12 u 13.

Ikkonsidrat

Bħal xhieda (barra l-istqarrijiet tal-imputati), xehed il-Prosekutur. Huwa qal li fis-7 ta’ Settembru 2005 kienu marru r-Rabat qrib ir-residenza tal-imputati Lee Cortis u X fejn kienu nnutaw tleit żgħażagħ jimbuttaw mutur. Kienu ħabtu fir-residenza u sabu lil dawn iż-żewġ imputati u imputat ieħor. Fl-istalel instabu diversi muturi fosthom il-mutur li kienu rawhom jimbuttaw. Kien hemm tliet muturi kompluti kif ukoll xi biċċiet ta’ muturi żarmati. Wieħed mill-muturi kien sprayed b’kulur aħdar u l-istess kulur kien jidher mal-ħajt. Irriżulta wkoll li xi muturi kellhom ic-chassis number imbagħbas. Kien hemm muturi li kienu żarmati għal kollox u l-identita’ tagħhom ma setgħetx tkun stabbilita. Oħrajn kienu bla numri jew numri foloz. Lee Cortis kien qal li l-erba’ muturi kienu tiegħu iżda ma setax jagħti dettalji għax ma kellux dokumenti. Huwa qal li l-Yamaha 175 ta’ kulur abjad kien tal-ħabib tiegħu – imputat ieħor f’dwn il-proċeduri (fol 30).

Wieħed mill-Yamahas 175 kellu l-engine number iggrandjat u kienu tħassrulu n-numri tal-magna.

Lee Cortis ma kellu ebda muturi rreġistrati f’ismu.

Il-Yamaha 175 – li kellu n-numru oriġinali FAP 578 – kien insteraq minn għand Godwin Zammit minn Ħaż-Żebbuġ.

Il-Yamaha 175 ta’ kulur iswed u li kellu n-numru oriġinali FAU 148 kien insteraq minn għand is-sur Hadrian Borg minn San Pawl il-Baħar. Lee Cortis kein ametta li ż-żewġ muturi kienu misruqin u li kien involut fihom xi ġimgħat qabel. (Fol 31).

Kienet intużat il-Ford Fiesta ta’ Lee Cortis sabeix setgħu jiġbdu wieħed mill-muturi minn Ħaż-Żebbuġ għar-Rabat.

**Lee Cortis kien ammetta wkoll li kien hu li sprejja dan il-mutur aħdar.**

Il-Pulizija għamlet ukoll tfittxija f’garaxx li kien jappartjeni lill-missier l-imputat Anthony Azzopardi u hemm sabu mutur ieħor – Yamaha 175 ta’ kulur iswed. Dan kien insteraq fl-24 t’Awwissu 2005, oriġinajament kellu n-numru ta’ reġistrazzjoni FBP 639 u kien jappartjeni lil ċertu Mark Anthony Taylor minn San Ġiljan. Dan kellu n-numru tax-chassis u tal-magna mħassrin. Anthony Azzopardi kien ammetta mal-Pulizija li kien seraq il-mutur imsemmi. Kien ammetta wkoll li kein ħassar in-numri ta’ fuq ix-chassis u fuq il-magna. Kienu saru xi alterazzjonijiet biex jaħbu l-identita’ tal-mutur.

L-istess Anthony Azzopardi kien indika lill-Pulizija mutur msirqu ieħor li kien ġo shelter imħaffer ġol-blat fl-inħawi tal-Imtħaleb. Hemm isntab Yamaha Enduo 80. Dan kellu n-numru tar-reġistrazzjoni FAG 216 u kien insteraq mir-Rabat minn għand ċertu Carmelo Vella. Dan għaraf il-mutur.

Sussegwentement l-imputati kollha ammettew l-involviment tagħhom f’dawn id-diversi serqiet għalkemm mhux kollha kienu fl-istess serqa kollha flimkien.

Il-mutur FAU 148 misruq minn Bugibba instab bi pjanażi foloz

Lee Cortis kien qal li hu kien wassal sa San Ġiljan lil Anthony Azzoaprdi u Alex Bonnici sabiex jisirqu l-mutur Yamaha 175 FBP 639 **u kien jaf li kienu sejrin jisirqu dan il-mutur.**

**L-istqarrija ta’ John Camilleri**

Minn din jirriżulta li dan l-imputat ta l-għajnuna tiegħu meta Lee talbu jmur iġib tornavit waqt li kien qed jinsteraq il-mutur Yamaha iswed 175 minn ħdejn l-Empire ġewwa

Buġibba. Huwa qal li  Lee beda jħares lejn il-gallarijeit beix jara hux jarahom xi ħadd. Huwa wkoll ntalab iġib tornavit minn Lee u dan l-imputat mar iġib ukoll il-helmet.(fol 41)

**Jidher ċar li l-imputat kien jaf x'inhu jsir.**

**Huwa qal li kellu x'jaqsam ma' dan il-mutur u xejn aktar. (fol 40).**

**L-istqarrija ta' Alex Bonnici**

L-imputat qal li l-Yamaha 175 li kellu n-numru ggrajndjat kien misrqu. Huwa kien mar San Ġiljan ma' żewġ imputati oħra u kienu serquh. Huwa u imputat ieħor keinu żebgħu s-swinging arm, il-furketta u s-silencer.  Kienu neħħewlu wkoll in-numru tax-chassis kif ukoll in-numru tal-magna.

**Jidher ċar li dan l-imputat kien jaf x'inhu jagħmel.**

**L-istqarrija ta' Anthony Azzopardi**

Dan ammetta li ħa l-mutur Yamaha iswed minn San Ġiljan. Huwa kien żebaħ is-swinging arm kif ukoll il-furketta ta' quddiem. (Fol 46).  Huwa kein iggrandja wkoll ix-chassis number u l-engine number li kien hemm fuq il-magna. (fol 46).

Huwa ammetta wkoll li kien seraq il-mutur Yamaha Endura 80 mir-Rabat.

Huwa ma kellux liċenzja biex isuq.

**Mill-istqarrija jidher ċar li dan l-imputat kien involut f'serqiet ta' żewġ muturi.**

**L-istqarrija ta' Lee Cortis**

Dan qal li l-mutur miżbugħ aħdar kien ġabu minn Ħaż-Żebbuġ.

Il-mutur Yamaha 175 ta’ kulur iswed kien serqu minn Buġibba. Kien hu li saq il-mutur.

Il-mutur Yamaha 175, li l-Pulizija kienu ħadu minn għand Anthony Azzopardi, insteraq minn San Ġiljan. Huwa kien wassal lil żewġ imputati oħra għax dawn iredu jeħduh. (Fol 49). Huwa kien ċemplilhom biex jara kienx mar kollox sew.

Il-plates tal-muturi misruqin kien ramewhom.

Huwa ammetta wkoll li kien neħħe pjanċa bin-numri minn fuq il-Yamaha 175 li kien miżbugħ aħdar. In-numru tal-magna kien imħaffer u kien ksieħ bil-hard metal.

**Minn din l-istqarrija jidher ċar li Lee Cortis kien seraq żew muturi u kien kompliċi fis-serqa tal-mutur Yamaha minn San Ġiljan. Meta wassal lill-imputati l-oħra kien jaf li dawn kienu sejrin jisirqu. Dan ammettieh hu stess u wkoll ħa l-interess li jċemplilhom ħalli jara jekk kollox kien mar sew.**

**L-istqarrija ta’ X**

Dwar is-serqa ta’ mutur minn Ħaż-Żebbug Yamaha 175 abjad, dan l-imputat qal li ħuh kien qallu b’dan il-mutur u qallu biex jisirquh. (fol 51). Kien niżel mill-karozza hu l-ewwel u ma setax jistartjah. Ħuh kien niżel jgħinu u tefgħuh naqra ‘l bogħod . Kellhom jerġgħu jmorru għalih darb’oħra. Qal li kien ħuh li ġiegħlu jmur u żbalja.

## Punti Legali

L-ewwel punt: Id-difiża ssottomettiet li kien hemm każ fejn l-imputat kien għadu taħt l-eta’ u għalhekk għandu jgawdi mill-artikolu 37 tal-Kap 9 minkejja li l-eta’ mogħtija fuq iċ-ċitazzjoni hija dik ta’ maġġorenni. Dan il-punt seta’ jkollu effett fuq l-ammont ta’ xi multi.

It-tieni Punt: Id-difiża wkoll issottomettiet li tista' tapplika l-preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104. Fiċ-ċitazzjoni d-dati mogħtija huma dawk bejn l-24 u l-25 t'Awwissu 2005, t-30 u l-31 t'Awwissu 2005, l-14 t'Awwissu 2005, is-7 ta' Settmebru 2005, it-23 u l-24 ta' Awwissu 2005 u d-29 u l-31 t'Awwissu 2005. Iċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fir-reġistru fid-9 t'Ottubru 2006. Skond l-artikolu 3(3) (a) jew (b) tal-Kap 104, il-proċeduri taħt dan l-artikolu għandhom jittieħdu fi żmien sitt xhur mid-data li jkun sar ir-reat jew fi żmien tliet xhur minn meta l-Prosekuzzjoni saret taf bir-reat jew fi żmien mid-data tar-reat liema perjodu huwa l-itwal. Il-Pulizija saru jafu li qed isiru xi sħud minn dawn ir-reati fis-s7 ta' Settembru 2005 u marru fuq il-post.[3]

Għalhekk qed jirriżulta lill-Qorti kienu għaddew kemm is-sitt xhur kif ukoll is-sena kkontemplati fl-artikolu msemmi tal-Kap 104. Isegwi li xi imputazzjonijiet dwar nuqqas ta' polza tas-sigurta' huma preskritti.

Ir-tielet punt huwa dwar il-kompliċita'. Il-fatt li wieħed ikun wassal lil żewġ imputati oħra fuq il-post tas-serq u jkun jaf li l-persuni li huwa qed iwassal sejrin jikkommettu t-tali reat ( u saħansitra wara jċempel ħa jara jekk hux kollox mar sew) jirrendi kompliċi lil min wassal lill-imputati akkużati bit-tali serq.

Ir-raba' punt huwa dwar l-istqarrijiet. Il-Prosekuzzjoni qed isejjes il-każ tagħha fuq x'osservat hi, x'qalulha direttament xi wħud mill-imputati kif ukoll fuq l-istqarrijiet magħmula mid-diversi imputati.

Dwar l-istqarrijiet, il-Qorti tirreferi għall-artikoli 658 u 651 tal-Kap 9. Fil-qasir, stqarrija tgħodd biss bħala prova vis a vis min għamilha iżda ma hi ta' ebda preġudizzju għal terzi persuni.

Għaldaqstant, il-Qorti, hija u teżamina dawn l-istqarrijiet, qagħdet biss fuq dak li qal kull wieħed mill-imputati dwaru nnifsu u eskludiet referenzi li saru għal xi għemil mill-imputati l-oħra.

[3] Ara xhieda tal-Ispettur Stephen Mallia a fol 30.

## Trattazzjoni u Noti ta' Sottomissjonijiet

Id-difensur ta' Anthony Azzopardi ssottometta li l-imputat kien għadu ma għalaqx it-19-il sena. (Data tat-twelid 29 t'Ottubru 1987; dati tar-reati: 23-24 t'Awwissu 2005).u għalhekk japplika l-artikolu 37 għal ammenda ta' Lm25 (58.50 Ewro). Is-sospensjoni tibqa' dik li hi. Iżda l-imputazzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' 6 xhur. (Kap 104).
L-istess difiża tapplika fl-imputazzjoni numru 18.

Dwar Alexander Bonnici, dan kien maġġorenni iżda hemm il-kwistjoni tal-preskrizzjoni diġa' sollevata. M'hemmx indikata d-data meta sar ir-reat.

Mill-istqarrijiet jirriżulta li John Camilleri, Anthony Azzopardi u Alexander Bonnici kkoperaw mal-Pulizija.

Skond l-abbli difensur t-tliet imputati m'għandhomx xi fedina penali allarmanti.

Dwar l-imputazzjoni numru 14, id-difiża ssottomettiet li ma tirriżultax għax ma kienet ippreżentata ebda sentenza.

Il-Prokuratur Legali fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha qalet:

(a) Dwar Lee Cortis: Dan ammetta l-imputazzjonijiet 1 u 2 fejn huwa informa wkoll lill-Pulizija fidd-ettal dwar kif seħħet is-erqa minn San Pawl il-Baħar.

Dwar l-imputazzjonijiet 3 u 4 huwa kien stqarr li dan il-mutur kien ta' Herbert Zammit Cordina;

Dwar l-imputazzjonijiet 5, 6, 7 u 10 ma jirriżultax la mill-ikstqarrija u lanqas mill-provi tal-Prosekuzzjoni li kien Lee Cortis li kkommetta dan ir-reat.

Dwar l-imputazzjonijiet 8 u 9 Lee Cortis kien stqarr li ma keinx involut. Huwa kein wassal lil Alexander Bonnici u

Anthony Azzopardi San Ġiljan. Dawn la-ħħar tenjn qalu li kienu huma li ħadu l-mutur.

Dwar l-imputazzjoni numru 21, Lee Cortis jammetti li huwa saq mingħajr liċenzja.

Dwar 23 u 24 m'hemm ebda prova li huwa rċieva xi propjeta' mistruqa.

Fejn kien involut f'serq, l-imputat ammetta mal-Pulizija.

(b) Dwar X, b'referenza għall-imputazzjoni numru 11, X kien stqarr li kien imġiegħel minn ħuh Lee Cortis u mar miegħu. M'hemmx prova kontra dan l-imputata dwar l-imputazzjonijiet numru 11, 13, u 23, 24.

**Analiżi ta' dak li hu allegat li għamlu l-imputati.**

**John Camilleri**

Skond il-verbal a fol 104, baqgħu japplikaw għal dan l-imputat l-imputazzjonijiet 1 (mingħajr l-aggravju tal-vjolenza), 2, 14, 23 u 24. Kienu rtirati r-reat kontinwat u l-imputazzjonijiet 3, 4, 5, 6 u 7.

Huwa ammetta l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

M'ammettiex l-imputazzjoni 14 dwar ir-reċidiva waqt li ddikjara li l-imputazzjoni 23 u 24 huma alternattivi.għall-1 u t-2 imputazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni numru 14 ma kenitx ippruvata stante li ma kenitx ippreżentata ebda sentenza u ma saritx id-debita identita'.

Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qed tilliberah mill-mputazzjoni 14, mhix tieħu konjizzjonijiet tal-imputazzjonijiet 3, 4, 5, 6, u 7 u dik dwar ir-reat kontinwat stante li dawn kienu rtirati mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu u lanqas qed tieħu

konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numri 23 u 24 għaliex dawn huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni.

**Anthony Azzopardi (kien taħt l-eta'. Japplika l-artikolu 37)**

Skond il-verbal a fol 104, il-Prosekuzzjoni żammet fermi l-imputazzjonijiet kollha.

Skond il-verbal a fol 107, l-imputat ammetta l-imputazzjoni numru 8 (mingħajr l-aggravju tal-vjolenza), id-9, l-10, 15 u 16 –il imputazzjoni.

Ma ammettiex l-imputazzjonijiet 17 u 18 – sewqan ta' muturi FAG 216 u FBP 639 mingħajr liċenzja u mingħajr polza tal-assigurazzjoni.

L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi għall-imputazzjonijiet 8, 9, 15 u 16.
Il-Qorti qed issib lil dan l-imputat ħati tar-reat kontinwat (artikolu 18), tal-imputazzjonijiet 8, 9, 10,[4] 15, 16, (ara x'qal hu stess li startja l-mutur) u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet 17 u 18 safejn dawn huma kolpiti bil-preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104 dwar in-nuqqas ta' kopertura bl-assigurazzjoni iżda qed issibu ħati tagħhom ukoll safejn dawn jireferu għal sewqan bla liċenzja għaliex għall-Kap 65 m'hemmx l-istess preskrizzjoni kontemplata fil-Kap 104.

Il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 minħabba li dawn huma alternattivi għall-imputazzjonijiet 8, 9, 15 u 16.

**Alexander Bonnici.**

Il-Prosekuzzjoni żammet ferma l-imputazzjonijiet kollha **barra dak tar-reat kontinwat** (fol 104).

Huwa ammetta l-imputazzjonijiet 8, 9 u 10.

---

[4] 298D tal-Kap 9.

Huwa kkontesta l-imputazzjoni numru 22.

Fit-trattazzjoni qajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni dwar l-imputazzjoni 22 minħabba l-preskrizzjoni kkontemplata fil-Kap 104.

Id-difensur tal-imputat qal li l-imputazzjoni 23 u 24 huma alternattivi għall-imputazzjonijiet diġa' ammessi.

Il-preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104 tolqot l-imputazzjonii 22 safejn tidħol il-kwistjoni tal-kopertura bl-assigurazzjoni iżda mhux ta' sewqan bla liċenzja (li huwa reat li jaqa' taħt il-Kap 65)..

Għalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru 8, 9, 10, u tal-imputazzjoni 22 safejn din għandha x'taqsam ma' sewqan bla liċenzja iżda qed tilliberah f'dik il-parti ta' din l-imputazzjoni fejn huwa applikabbli l-Kap 104 minħabba preskrizzjoni; u mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 għax dawn huma alternattivi għall-imputazzjoniji 8.

**Lee Cortis**

Dan l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet 1, 2, 11 u 13.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet 3, 4, 5, 6, 7 u 12 huwa kkontestahom.

Il-Qorti tirreferi għall-fol.49

Huwa kien stqarr:

(a) Li l-mutur miżbugħ aħdar (Yamaha 175 abjad) (FAP 578) kien ġabu hu minn **Ħaż-Żebbuġ;**
**Kien hu li żebgħu aħdar.**

(b) Li kien ġab il-mutur Yamaha 175 (iswed( FAU 148) minn **Buġibba**. Kienu qatgħulu xi wires biex jistartjawh (wieħed jinnota l-użu tal-plural). Kien hu li saqu.

(ċ) Il-mutur Yamaha 175 (li l-Pulizija ħadu minn għand Arthur Azzoaprdi) (FBP 639) insteraq minn **San Ġiljan**. L-imputat Lee Cortis wassal liż-żewġ persuni l-oħra li serquh.

(d) Kienu (wieħed jinnota l-użu tal-plural) armew in-numri tal-muturi misruqa minn Ħaż-Żebbuġ u minn Buġibba mill-ewwel.

(e) Li kien hu li qala' pjanċa bin-numri minn fuq il-mutur Yamaha 175 miżbugħ aħdar. Huwa kien sab in-numru tal-magna mħaffer u hu ksieħ bil-hard metal u żebgħu iswed.

Mill-evidenza tal-Ispettur jirriżulta li l-mutur miżbugħ aħdar (FAP 578) kien bla numri (fol 30)

Din hi l-evidenza li ppreżentat il-Prosekuzzjoni. Bħalma diġa' spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti ma tistax tqis x'qalu l-imputati l-oħra fl-istqarijiet tagħhom bħala prova.

L-imputat ammetta s-serq tal-mutur minn Buġibba (u l-ħsara li saritlu);

is-serq tal-mutur minn Ħaż-Żebbuġ u t-tbagħbis max-chassis number. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati

L-imputat ma ammettiex il-ħsara li sret fuq il-mutur FAP 578 iżda qal li kien hu li żebgħu aħdar. Din ukoll hija ħsara u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tal-imputazzjoni numru 12 ukoll.

Il-Qorti jirriżultalha li kien kompliċi fis-serq tal-mutur minn San Ġiljan għaliex hu wassal lill-imputati l-oħra u kien jaf li ser jisirqu l-mutur (Artikolu 42(d)(e) tal-Kap 9) u għalhekk qed issibu ħati bħala kompliċi fl-imputazzjoni

numru 8, liema reat huwa kompriż u involut fit-tali imputazzjoni.

Huwa wkoll ħati tal-imputazzjoni numru 21 għax ammetta li saq mutur li għalih ma kienx liċenzjat ai termini tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda mhux ssibu ħati li kien bla assigurazzjoni minħabba li din il-parti tal-imputazzjoni hija preskritta ai termini tal- preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104.

L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni u l-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tagħhom..

Ma jirriżultax li hemm provi dwar l-imputazzjonijiet l-oħra.

Għalhekk il-Qorti qsd issib lil Lee Cortis ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tmienja (kompliċita'), tal-ħdax, tat-tnax, tat-tlettax u tal-wieħed u għoxrin imputazzjoni.

Qed tilliberah mit-tielet, mir-raba', mill-ħames, mis-sitt, mis-seba', mid-disgħa, mill-għaxar imputazzjoni.

Mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24.

**X (kien taħt l-eta'. Japplika l-artikolu 37 tal-Kap 9).**

**Dan huwa akkużat bl-imputazzjonijiet 11, 12 u 13.**

Dak iż-żmien tar-reat huwa kien għadu taħt l-eta' ta' tmintax-il sena. Mill-istqarrija jirriżulta li kien mar ma' ħuh biex jisraq il-mutur u kien ħa sehem fis-serqa. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' l-imputazzjoni numru 11. Mhix skuża li jgħid li kien imġiegħel minn ħuh għax kien ipprova jistartjah hu. Kien jaf ukoll għalfejn kien sejjer ma' ħuh.

M'hemmx prova tal-imputazzjonijiet numru 12, 13 u 24. Għalhekk il-Qorti qed tilliberah minnhom.

L-imputazzjonijiet 23 u 24 huma alternattivi għal dik tas-serq u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħhom.

## Konklużjoni

### John Camilleri

Fil-konfront ta' John Camilleri, wara li rat l-artikoli 17(h), 261(a)(ċ)(f)(g),[5] 263, 267, 271(g), 278(3), 334(a), 334A, 325(1)(b), 18, 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imptuazzjoni; qed tilliberah mill-imputazzjoni dwar ir-reat kontinwat kif ukoll mill-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5, 6, u 7 li kienu rtirati mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu; qed tilliberah ukoll mill-imputazzjoni 14 minħabba nuqqas ta' provi; u mhix qed tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 li huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li l-imputat intrabat li jħallas għall-ħsara għamel. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal 21 xahar priġunerija li għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk l-imputat iwettaq reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat. Ai fini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 qed tordnalu jħallas dak kollu li hu dovut minnu ( jek kdan mhux diġa' tħallas) tih żmien sa sitt xhur mil-lum.

### Anthony Azzopardi (taħt l-eta')

Fil-konfront ta' Anthony Azzopardi, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, **37,** 261(a)(ċ)(f)(g), 263, 267, 271(g), 278(3), 298D, 325(1)(b), 334(a) u 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u 3(1)(3)(a)(b) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati tar-reat kontinwat, tal-imputazzjonijiet 8,9, 10, 15, 16 bl-imputazzjonijiet 9 u 16 assorbiti fit-tmien u l-ħmistax l-imputazzjoni rispettivament; u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet 17 u 18 safejn dawn huma kolpiti bil-preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104 dwar in-nuqqas ta' koperatura bl-assigurazzjoni iżda qed issibu ħati tal-istess imputazzjonijeit 17 u 18 safejn dawn jirreferu għal sewqan bla liċenzja [6] u mhux qed tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 minħabba li dawn huma alternattivi għall-imputazzjonijiet 8, 9, 15 u 16. Wara li rat

[5] Il-gravanti tal-vjolenza qed titħalla barra għaliex din kienet irtirata mill-prosekuzzjoni kull fejn tidher fl-imputazzjonijiet.

[6] Fil-Kap 65 m'hemmx l-istess terminu ta' preskrizzjoni kontemplat fil-Kap 104.

l-artikoli 37, 28A, 31, 31(1)(f), u 17(b) tal-Kap 9 qed tikkundannah għall-piena ta' priġuenrija ta' 15-il xahar li ser ikunu sospiżi għal tliet snin sakemm matul dan il-perjodu l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor u qed tikkundannah iħallas żewġ ammendi ta' €58.50 kull waħda jew komplessivament €117.[7] Il-Qorti spejgat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9 u qwed tordnalu biex jagħmel il-ħlasijiet kollha dovuta minnu ( jekk dawn mhux diġa' tħallsu) fi żmien 6 xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**Alexander Bonnici**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 17(f), 28A, 261(a)(ċ)(f)(g), 263, 267, 271(g), 278(3), 298D, 325(1)(b), 334(a) u 334A tal-Kap 9. u l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u 3(1)(3)(a) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet 8, 9, u 10 bid-disa' imputazzjoni assorbita fit-tmien imputazzjoni, ħati tal-imputazzjoni 22 safejn din għandhx x'taqsam ma' sewqan bla liċenzja iżda qed tilliberah f'dik il-parti ta' din l-imputazzjoni fejn huwa applikabbli l-Kap 104 minħabba preskrizzjoni; u mhux tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 għax dawn huma alternattivi għall-imputazzjoni numru 8. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' 21 xahar li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin jekk matul dan il-perjodu l-imputat ma jwettaqx reat ieħor u għall-ħlas ta' multa ta'€ 815 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti minn din il-multa, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9 u qed tordna li għandu jħallas sehmu tal-ħsarat ( jekk dawn mhux diga' tħallsu) fi żmien sitt xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

[7] It-talba għall-iskwalifika mis-sewqan fil-Kap 65 trid issir mill-Prosekuzzjoni. Ara 15(3) tal-istess Kap.

**Lee Cortis**

Fil-konfront ta’ Lee Cortis, wara li rat l-artikoli 18, 28A, 42(d)(e),261(a)(ċ)(f)(g), 263, 267, 271(g), 278(3), 298D, 325(1)(b), 334(a) u 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u 3(1)(3)(a) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħdax, tat-tnax, tat-tlettax imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u bit-tnax l-imputazzjoni assorbita fil-ħdax l-imputazzjoni, qed tilliberah mit-tmien imputazzjoni kif dedotta u minflok qed issibu ħati tar-reati ta’ kompliċita’ fl-istess serqa liema reat huwa kompriż u involut fl-istess imputazzjoni, qed issibu ħati tal-imputazzjoni 21 wkoll iżda biss safejn din għandha x’taqsam ma’ sewqan bla liċenzja u qed tilliberah minn dik il-parti tal-imputazzjoni safejn din għandha x’taqsam mar-reat taħt il-Kap 104 minħabba l-preskrizzjoni; qed tilliberah mit-tielet, mir-raba’ mill-ħames, mis-sitt, mis-sebgħa, mid-disgħa, u mill-għaxar imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni 23 u 24 li huma alternattivi għall-ewwel, it-tmien u l-ħdax l-imputazzjoni. Il-Qorti qieset li dan l-imputat kien involut fi tliet serqiet b’involviment bħala kompliċi f’waħda minnhom b’mod skjaċċjanti, kellu l-eta’ tiegħu u ma wera ebda ndiema matul dawn il-proċeduri. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija liema piena m’għandhiex tidħol fis-seħħ ħlief jekk l-imputat iwettaq reat ieħor fi żmien erba’ snin mil-lum, u għall-ħlas ta’multa ta’ €815 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament minn din il-multa, il-bilanċ jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tiħallasx, din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Il-Qorti qed toredna wkoll lill-imputat li ai fini tal-arftikolu 28H tal- Kap 9 huwa għandu jħallas għal kwalunkwe ħsara mhux diġa’ mħallsa fi żmien sitt xhur mil-lum.

**X**

Fil-konfront ta’ X, wara li rat l-artikolu 37, 261(a) (c), (f) (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 334(a), 334A tal-Kap 9 issib lill-

imputat ħati tal-imputazzjoni numru 11, qed tilliberah mill-imputazzjonijiet bin-numru 12 u 13, u mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 23 u 24 u stant l-eta' tiegħu u l-fedina penali nadifa tiegħu fl-ok tikkundannha qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmein sena mil-lum.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------